MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 396/2010

**Socjeta' 360 Food Import Limited – C46590**

**vs**

**Malcom Dimech u skond digriet tat-8 ta' Novembru 2010**
**gie korrett ghal Malcolm Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Marzu 2010, fejn intalab li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u ghoxrin Ewro (€320.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2011, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u ghoxrin Ewro (€320.00c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------